

Brussell, 14 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13089/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0220(NLE)

COASI 140	ECOFIN 870
ASIE 43	COMPET 676
CFSP/PESC 787	RECH 456
COHOM 117	ENER 465
CONOP 89	TRANS 478
COTER 135	TELECOM 321
JAI 1056	ENV 847
WTO 281	EDUC 404
FISC 388	EMPL 505

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Ottubru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 462 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment stabbilit mill-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u r-regoli ta' proċedura tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 462 final.

Mehmuż: COM(2019) 462 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.10.2019
COM(2019) 462 final

2019/0220 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt u s-Sottokomitat dwar il-Kummerċ u l-Investment stabbilit mill-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Komitat Konġunt u r-regoli ta' proċedura tas-Sottokomitat dwar il-Kummerċ u l-Investment

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni dwar l-adozzjoni prevista tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u tar-regoli ta' proċedura tas-Sottokumitat għall-Kummerċ u l-Investment li jridu jittieħdu f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment stabbilit mill-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim").

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Mongolia

Il-Ftehim għandu l-għan li jstabbilixxi sħubija msaħħa bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-Mongolja, u li japprofondixxi u jsaħħaħ il-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet ta' interess reċiproku, b'riflessjoni tal-valuri kondiviżi u l-prinċipji komuni. Il-Ftehim se johlq qafas koerenti u legalment vinkolanti għar-relazzjonijiet tal-UE mal-Mongolja. Il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2017.

2.2. Il-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment

Il-Kumitat Konġunt twaqqaf bl-Artikolu 56 tal-Ftehim. Il-kompiti prinċipali tiegħu huma li: (a) jiżgura l-funzjonament korrett u l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim; (b) jstabbilixxi prijoritajiet rigward l-għanijiet ta' dan il-Ftehim; (c) jagħmel rakkomandazzjonijiet biex jipromwovi l-oġġettivi ta' dan il-Ftehim.

Il-Kumitat Konġunt jagħmel rakkomandazzjonijiet u jadotta deċiżjonijiet, fejn xieraq, biex jagħti effett lill-aspetti speċifiċi ta' dan il-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' fl-oġġla livell adatt. Il-Kumitat Konġunt irid jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Huwa jista' jstabbilixxi gruppi ta' ħidma speċjalizzati biex jittrattaw kwistjonijiet speċifiċi.

Is-sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment twaqqaf bl-Artikolu 28 tal-Ftehim. Il-kompitu tiegħu huwa li jassisti lill-Kumitat Konġunt fit-twettiq tal-kompiti tiegħu billi jittratta l-oqsma kollha ta' kooperazzjoni dwar il-kummerċ u l-investment.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment

Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjoni dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu u ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati. Is-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment għandu jadotta deċiżjoni dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu ("l-att previst").

L-għan tal-atti previsti huwa li jadottaw, skont l-Artikoli 28(3) u 56(6) tal-Ftehim, ir-regoli ta' proċedura li jirfdu l-organizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt u r-regoli ta' proċedura tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment u ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati li jippermettu l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għandha timmira għall-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt UE-Mongolja u r-regoli ta' Proċedura tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment u ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati. Il-

pożizzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabilixxu “*l-pożizzjonijiet li jridu jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-UE*”¹.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment huma korpi stabbiliti bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra.

L-atti li dawn il-korpi huma mitluba jadottaw jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. Dan għaliex skont l-Artikolu 56(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment għandhom jadottaw deċiżjonijiet li huma vinkolanti fuq il-Partijiet.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas ma jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-baży ġuridika proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Baży ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni dwaru. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun ibbażata fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta’ att previst li simultanament isegwi għadd ta’ għanijiet, jew li għandu diversi komponenti, li huma inseparabbilment marbuta mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-baży ġuridika sostantiva ta’ deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE għandha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-atti previsti għandhom l-għan li jipromwovu l-għanijiet tal-Ftehim u li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tiegħu. Ir-regoli ta’ proċedura tal-Kumitat Konġunt jikkonċernaw il-

¹ Il-Kawża C-399/12 Il-Ġermanja vs il-Kunsill (OIV), ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

funzjonament ġenerali ta' korp stabbilit abbażi ta' ftehim. Għalhekk, il-qasam li taħtu taqa' d-deċiżjoni għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-Ftehim fl-intier tiegħu².

F'dan il-każ partikolari, l-għan u l-komponent predominanti tal-Ftehim huwa l-kooperazzjoni ma' pajjiż fil-fażi tal-iżvilupp (l-Artikolu 209 TFUE)³. Għalhekk, jenħtieġ li l-bażi legali xierqa tkun l-Artikolu 209 TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 209 TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Minħabba li l-att tal-Kumitat Konġunt se jistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara li jiġi adottat.

² Il-Kawża C-244/17 il-Kummissjoni vs il-Kunsill (il-Każakistan), ECLI:EU:C:2018:662, il-paragrafu 40.

³ Għall-kamp ta' applikazzjoni tal-politika tal-iżvilupp ara l-kawża C-377, Il-Kummissjoni vs il-Kunsill (il-Filippini), il-paragrafi 36–37.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment stabbilit mill-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u r-regoli ta' proċedura tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 209 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2017.
- (2) L-Artikolu 56(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt biex jiżgura l-implimentazzjoni u l-funzjonament sew tal-Ftehim.
- (3) L-Artikolu 56(6) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u l-Artikolu 56(4) jipprevedi li jista' jwaqqaf gruppi ta' ħidma speċjalizzati.
- (4) L-Artikolu 28(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment
- (5) L-Artikolu 28(3) tal-Ftehim jipprevedi li s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (6) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, jenħtieġ li r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt jiġu adottati malajr kemm jista' jkun.
- (7) Għalhekk, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt u s-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjonijiet meħmuż tal-Kumitat Konġunt u tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni dwar l-adozzjoni prevista tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt UE-Mongolja għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Il-pożizzjoni dwar l-adozzjoni prevista tar-regoli ta' proċedura tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-Sottokumitat UE-Mongolja għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Investment meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*